**Laqgħa Numru 73**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**16 ta' Marzu 2018**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex fil-4.30 ta' filgħaxija. Il-laqgħa bdiet fil-4.45pm.

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

Hubert Saliba - Kunsillier

Jeanelle Attard -Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

George Zammit -Kunsillier

ASSENTI

n/a

MISTIEDNA:

Joseph Attard -Segretarju ta-Klabb tal-Futbol

Mario Camilleri - Ex-Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**73.1 Qari ta' l-Ittri ta' apoloġiji;**

73.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji mill-Kunsilliera.

**73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

73.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 72 li saru nhar il-Ġimgħa 16 ta' Frar 2018 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju.

**73.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

73.3.1 Is-Sindku kkomunika li kif kien miftiehem fil-laqgħa preċedenti is-Sur Joseph Attard Segretarju tal-Klabb tal-Futbol kien preżenti biex setgħu jitkellmu dwar iż-żamma tat-toroq fejn sostna li ġiet introdotta sistema ġdida fejn il-ħaxix li jinqata' jinġabar fl-istess ħin u s-sistema tidher li qed taħdem. Is-Sur Attard elenka li l-prijorita' tibqa' l-pjazza li hi l-*core* tar-raħal. Huma kellhom iduru t-toroq tal-purċissjoni u toroq ewlenin waqt li qed jaħdmu b'sistema li l-ebda triq ma titħalla barra. Is-Sur Attard enfasizza li għandha tintbagħat ittra biex il-boroż taż-żibel jidendlu u ma jibqgħux fin-nofs tal-bankini. B'hekk jonqos iċ-ċans li dawn jitqatgħu mill- qtates u jitferrex l-iskart mat-toroq. Il-membri tal-Kunsill irringrazzjaw lis-Sur Attard għal preżenza tiegħu.

73.3.2 Is-Sindku kkomunika rigward il-fatt li wara ż-żjara li kienet saret min grupp minn Castelvenere jaħseb li kien wasal iż-żmien li jsir xi ħaġa biex dan il-ġemellaġġ jerġa' jingħata l-ħajja. Kien għalhekk li kellem li l-ex Sinku Mario Camilleri li kien għadu b'kuntatt mas-Sindku ta' Castelvenere. Is-Sur Mario Camillier ġie mistieden waqt il-laqgħa mis-Sindku biex jgħarraf ftit x'komunikazzjoni kienet għaddiet bejnu u bejn is-Sindku ta' Castelvenere. Is-Sur Camilleri stqarr li hu tkellem mas-Sindku fejn qed jistieden delegazzjoni mix-Xewkija. L-istedina hija għall-festa ta' San Barbato li ħa Ssir fit-13 ta' Mejju 2018. Is-Sindku ta' Castelvenere għandu jibgħat imejl bil-programm iffinilizzat min-naħa tiegħu. Il-membri tal-Kunsill irringrazzjaw lis-Sur Camilleri għal ħin tiegħu biex jattendi l-laqgħa

73.3.3 Is-Sindku kkomunika li rigward il-Proġet ta' Blankas, il-Kunsill għadu jistenna l-approvazzjoni min-naħa tal-Lands biex wieħed jara jistax ikompli jaħdem fuq il-pjanijiet li hemm biex dan jinbidel f'Open Park.

73.3.4 Is-Sindku kkomunika li rigward l-attivita' għall- Gozo Alive, il-proposta tal-Kunsill tinkludi i l-pubblika jkollu l-opportunita' li jikseb tagħrif storiku fuq il-knisja, żjara fil-Mużew tal-Iskulturau u tlugħ fuq il-bejt tal-knisja dejjem jekk din il-proposta tiġi aċċettata. Il-Kunsill kien talab il-permess ta' l-Arċipriet u dan ma sab l-ebda oġġezzjoni biex dan l-avveniment isir.

73.3.5 Is-Sindku rreferra għall-belvedere maħsub fl-*area* tal-Barmil. Il-Kunsillier Domenic Zerafa daħal responsabli i jġib id-detttalji tas- Sur Franco Attard biex il-Kunsill ikun jista' jkellmu għax hemm bżonn tal-kunsens tiegħu biex isir l-imsemmi bevedere.

73.3.6 Is-Sindku kkomunika li t-Tender relatat ma' Measure 4.3 kien ħa jiġi ppubblikat daqt u li dan kien għadu ma ħariġx peress li l-Kunsill kellhu jistenna l-BOQ min-naħa tal-WSC li kellhom xi xogħlijiet li jridu jsiru fi Triq Tas-Salib. Il-Kunsill f'dan il-ħin ħatar il-bord ta' evalwazzjoni għal din l-offerta kompost minn l-avukat Dr Larry Formosa, l-perit Edward Scerri u l-accountant Joseph Dingli.

**73.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

73.4.1 Il-Kunsilliera Jeanella Attard staqsiet kif qed taħdem is-sistema tal-green wardens. Is-Sindku kkomunika li waqt li dawn għandhom l-istess uniformi, il-green wardens qegħdin fuq affarijiet relatati ma' l-indafa fejn per eżempju qed jiġbed l-attenzjoni fejn hemm karozzi abbundanati,fejn hemm abbuż ta' kif jinħareġ iż-żibel u ħmieġ t'annimali.

73.4.2 Il-Kunsillier Hubert Saliba ġibet l-attenzjoni għall-fatt li sar jaf li ħa jsir l-International Food Festival fil-laqgħa ta' konsultazzjoni tal- Pjazza. Hu saqsa jekk kienx hemm xi tip ta' korrispondenza. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat li l-unika korrispondenza relatata kienet fejn l-orginazzaturi kkupjaw lil Kunsill f'imejl fejn talbu permess lis- Supretendent biex titella' l-attivita'.

**73.5 Triq Santa Teodora u Restawr fuq l-Arloġġ tax-Xemx**

73.5.1 Is-Sindku rreferra għall-applikazzjoni ta' restawr fuq l-Arloġġ tax-Xemx fi Triq Santa Teodora fejn il-Kunsill ġie infurmat li din ma ġietx aċċettata. Is-Sindku nforma lil membri preżenti li huwa xorta ta' l-opinjoni li dan ir-restawr għandu jsir. L-ispejjeż marbuta ma' dan ir-restawr jammontaw għall- €6,061.66. Il-kunsilliera Jeanelle Attard ma qablitx li jsir dan ir-restawr peress li dan l-arloġġ tax-xemx qiegħed f'propjeta' privata u stqarret li l-Kunsill għandu jitlob parir mingħand avukat.

73.5.2 Is-Sindku nforma lil Kunsill li Triq Santa Teodora kien fadlilha biss li tingħata kisja tarmac. Ix-xogħol kien ħa jiswa lil Kunsill ferm aktar minn dak li kien oriġinarjament maħsub hekk kif il-kontijiet kienu maħsuba li ħa jiswew €28,000 waqt li t-tender oriġinali kienet ta' €7,645. Dan minħabba li kellha tinbidel is-sistema tad-drenaġġ kif ukoll kellha titqaxxar it-triq peress li kien hemm dislivell.

**73.6 Triq Il-Knisja**

73.6.1 Is-Sindku kkomunika li wara talba li saret lil Ministru t'Għawdex biex tingħata għajnuna anke għall-culverts fi Triq Il-Knisja, il-Ministeru fl-laqgħa li saret fil-5 ta' Marzu 2018 fejn attendew is-Sindku u s-Segretarju Eżeekuttiv ġew infurmati li din l-għajnuna se tingħata. L-*agreeement* kellhu jiġi ffirmata fil-jiem li ġejjien.

73.6.2 Il-Perit Shawn Micallef flimkien ma' William Sultana kienu qed jaħdmu fuq il-publikazzjoni ta' dan it-tender li kellhu joħroġ minnufih hekk kif din it-triq trid isir qabel il-Proġett tal-Pjazza. Il-Kunsill f'dan il-punt ħatar il-Bord ta' l-Evalwazzjoni kompost minn l-avukat Dr Larry Formosa, l-accounatant Joseph Dingli u l-Perit Edward Scerri.

**73.7 Il-Kunsill Il-Ġdid**

73.7.1 Is-Sindku informa lil membri tal-Kunsill li s-sejħa għall-għamara tal-Kunsill kellha taqa' peress li ħadd minn dawk li applikaw ma tefa' s-sejħa għall-għamara bil-kulur mitlub. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat li kienet kellmet lid-Direttur Adrian Mifsud fejn ikkonfermalha li tista' tiġbor 3 quotations separati għall-għamara tal-boardroom, ta' l-uffiċini u tal-kitchette dramment li ma jinqabiżx l-ammont tal-quotation jiġifieri €5,000. Il-membri preżenti qablu ma' dan waqt li l-Kunsilliera Jeanelle Attard sostniet li jkun aħjar jekk dak li kkonferma d-Direttur jkun bil-miktub.

*16.00pm Il-Kunsillier Jeanelle Attard telqet mil-laqgħa minħabba mpenji oħra.*

73.7.2 Is-Sindku ikkomunika li jixtieq li li l-Kunsill jinfetaħ jew fl-aħħar ta' Mejju jew inkella bidu ta' Ġunju 2018. Il-membri preżenti qablu li l-Kunsill għandu jinfetaħ fl-1 ta' Ġunju 2018 biex b'hekk iċ-ċerimonja tkun anke marbuta max-xahar tal-festa.

73.7.3 Is-Sindku kkomunika li hu kien tal-fehma li għandu jitneħħa toilet wieħed peress li fis-sular t'isfel hemm żewġ toilets fejn xulxin biex b'hekk il-kitchenette minflok wara l-lift tiġi f'kamra li bħalisa qed tintuża bħalha toilet. Il-membri preżenti qablu ma' dan.

**73.8 Korrispondenza u Materji Oħra**

73.8.1 Ċirkulari numru 2018/022 – Inizjattiva ta' għotja ta' €2.33 fix-xahar mill-kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi b'risq il-Malta Community Chest Fund. Il-Kunsill inotta l-kontenut.

73.8.2 Imejl mingħand membru tal-grupp ta' Puttinu għall-avviż dwar il-mixja ta' Puttinu tal-Ġimgħa l-Kbira 2018.

73.8.3 Ċirkulari numru 2018/023 – Applikazzjoni għall-Kunsilli li jixtiequ jissieħbu fl-International Urban Cooperation (city to city cooperation programme). Il-Kunsill qabel li din ma tapplikax għall-Kunsill tax-Xewkija.

73.8.4 Ċirkulari numru SPI 2/2018 – Il-lok, l-Aċċessibilita u Taħriġ dwar l-Automated External Defribrillators (AEDs) fejn il-Kunsill ġie mitlub jipparteċipa billi jimla' l-formola mibgħuta ma' din iċ-Ċirkulari.

73.8.5 Ċirkulari Numru 9/2017 – Ittra mibgħuta mir-Reġjun Għawdex dwar: Inizjattiva Finanzjarja – Terminazzjoni tal-ġbir tal-iskart Reciklabbli – Proġett Iktar Toroq fil-Lokalita Tiegħek. Il-Kunsill inota l-kontenut

73.8.6 Imejl mis-Segretarju tal-Banda Prekursur b'stedina għas-Serata Muziko-letterarja Sagra "Il-Ko-Redentrici".

73.8.7 Ċirkulari numru 5/2018 – Struzzjonijiet għall-pagamenti taħt il-miżura 4.3 tal-iżvilupp rurali u agrikolu mill-Unjoni Ewropeja.

73.8.8 Imejl mingħand 'Senior Principal' tal-'Europe for Citizens Contact Point EU and International Affairs Unit Local Government Division', dwar proġett li permezz tiegħu jistgħu jinxtraw jew jinkrew vetturi elettriċi jew hybrid. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandna napplikaw għall-minivan għas-servizz tar-resideneti.

73.8.9 Imejl mingħand il-Kunsill Lokali Ta' Sannat rigward id-dramm Id-Dawl tal-Fidwa fejn stieden lis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsilliera, lis-Segretarju/a u Staff.

73.8.10 Korrispondenza minn Corrado Di Pietro li rċivejna mal-pittura ta' Lisa Barbera wara ż-żjara li kienu għamlu fl-10 ta' Novembru 2017

73.8.11 Talba mingħand Ted M Mizzi biex nassistuh finanzjarjament fid-dokumentarju tiegħu *The Rotunda- A Testament To Faith, Courage and Faith* li ħa jintwera fuq il-BBC u fuq ir-RAI. Is-Sindku ċempilna lil Ted M Mizzi fejn hu qed jitlob €3,000. IL-kunsilliera preżenti qablu li jikkolloborra f'din il-produzzjoni bl-ammont mitlub.

73.8.12 Imejl mingħand is-Segretarju tas-Socjeta Filarmonika Prekursur fejn talab biex isir Reserved Parking għas-sid tal-banka tal-Lottu. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tiċċekja ma' Transport Malta.

73.8.13 Is-Sur Paul Mizzi talab biex issir tabella biex ma jitħlux trakkijiet kbar ġo triq tal-Misraħ peress li qed isir il-ħsara lil ħitan. Il-membri tal-Kunsill ikkonfermaw li din diġa hemm din it-tabella.

73.8.14 Is-Sinjura Michela Portelli talbet biex issir mera mal-Kajselli. It-talba kellha tgħaddi lil Ministeru t' Għawdex hekk kif din hi triq arterja.

73.8.15 Taba minn persuna sabiex titwaħħal mirja għax sewwieqa ma jarawx minn Triq La Valette. Hemm diġa' mera u ssir mera fejn il-one way.Il-membri tal-Kunsill qablu li diġa hemm mera imma għandha ssir waħda fejn hemm il-one way.

73.8.16 Talba biex issir tabella li turik direzzjoni lejn il-Wasteserv bejn Triq tal-Loġġa u Triq tas-Salvatur. Is-Segretarju Eżekuttiv ghandha tkellem lil Wasteserv biex naraw jekk hux possibli isir tabella min-naħa tagħhom. Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab ukoll li ssir mera fejn il-Madonna t'Angelique. Il-membri tal-Kunsill qablu li din isir.

73.8.17 Talba minn diversi residenti fi Triq 27 ta' Novembru 1678 rigward problema ta' parkeġġ u minħabba double line li ma qsarx fi-imsemmija triq . Il-membri tal-Kunsill presenti talbu li nagħmlu talba lil Transport Malta.

73.8.18 Ilment li l-ilma fi Triq Tonin Mallia Vernon jxaqleb lejn ġenb ta' Triq u dan iwassal biex residenti jkollhom problema biex joħorġu mid-dar. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandna nibagħtu lil ħaddiema jaraw.

73.8.19 Is-Sinjura Carmen Grima talbet biex issir Sleeping Police fi Triq San Bert ħdejn Triq Ġużè D'Amato. Il-membri tal-Kunsill rrefferrew li kien ġie deċisiv li ma jsirux sleeping police hekk kif residenti jgergru bl-istorbju li dan jagħmlu lejl u nhar.

73.8.20 Talba biex issir tabella li tagħti Merħba fi' Mġarr Road ħdejn il-magna l-antika tal-Ħalib. Il-membri tal-Kunsill qablu li din għandha ssir.

73.8.21 Is-Sur Joseph Pace ilmenta dwar ħofra li reġgħet tfaċċat wara li kienet issewwiet wara li ħaffru għad-drenaġġ fi Triq Sant Elija. Il-Kunsill qabel li għandu jsir patching.

73.8.22 Is-Sinjura Frances Bugeja ilmentat li l-kennies fi Triq Santa Marija rari jmur. Il-membri tal-Kunsill qablu li għandna nkellmu lil kuntrattur tal-knis.

73.8.23 Is-Sur Frenċu Attard talab biex issir Sleeping Police fi Triq tal-Kanal minħabba l-periklu minħabba b'sewqan eċċessiv. Il-membri tal-Kunsill qablu li nkellmuh biex naraw jekk nistgħux nagħmluhom quddiem tiegħu.

73.8.24 Is-Sindku kkomunika li fis-26 ta' Marzu 2018 ħa jattendi laqgħa minħabba l-Open Gym.

**73.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

73.13.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**73.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

73.14.1Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm. Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar it-Tlieta 24 ta' April 2018.

Konfermati, illum **22 ta' Mejju 2018**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |